Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►B IR-REGOLAMENT (KE) Nru 785/2004 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tal-21 ta' April 2004

dwar ir-rekwiżiti ta' l-assigurazzjoni tat-trasportaturi ta' l-ajru u l-operaturi ta' l-ajruplani

(ĠU L 138, 30.4.2004, p. 1)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Regolament (KE) Nru 1137/2008 tal-Parlament Ewropew U tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2008	L 311	1	21.11.2008

▼B

IR-REGOLAMENT (KE) Nru 785/2004 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tal-21 ta' April 2004

dwar ir-rekwiżiti ta' l-assigurazzjoni tat-trasportaturi ta' l-ajru u l-operaturi ta' l-ajruplani

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 80(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni ([1]),

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([2]),

Wara li kkonsultaw mal-Kumitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura preskritta fl-Artikolu 251 tat-Trattat ([3]),

Billi:

(1) Fl-istatura tal-politika kommuni tat-transport, u biex javvanzaw il-protezzjoni tal-konsumatur, huwa importanti li tassigura il-livell minimu ta' l-assigurazzjoni proprja biex tipproteġi l-obbligu tat-trasportaturi ta' l-ajru għar-rispett tal-passiġġieri, tal-bagalji, tat-tagħbija tal-merkanzija u tat-terzi parti.

(2) Fis-suq ta' l-avjazzjoni tal-Komunità, id-distinzjoni bejn trasport bl-ajru nazzjonali u internazzjonali trasportaturi ta' l-ajru ġie eliminat u issa, għalhekk, huwa xieraq li jkun stabbilit rekwiżiti minimi għall-assigurazzjoni għal trasportaturi ta' l-ajru tal-Komunità.

(3) Azzjoni komuni hija meħtieġa sabiex tassigura li dawn ir-rekwiżiti jkunu applikati ukoll għal trasportaturi ta' l-ajru minn pajjiżi terzi sabiex jassiguraw kondizzjonijet ugwali mat-trasportaturi ta' l-ajru tal-Komunità.

(4) Fil-Komunikazzjoni tagħha fl-10 ta' Ottubru 2001 dwar il-riperkussjonijiet ta' l-attakki terroristiċi fl-Istati Uniti fuq l-industrija tat-trasportaturi ta' l-ajru, il-Kummmissjoni iddikjarat l-intenzjonijiet tagħha biex teżamina l-ammonti u l-kondizzjonijiet ta' l-assigurazzjoni meħtieġa biex jingħataw liċenzi ta' l-operazzjoni mill-Istati Membri sabiex tassigura trattament armonizzat. Barra dan, fil-Komunikazzjoni tagħha tat-2 ta' Lulju 2002 dwar l-assigurazzjoni tas-settur tat-trasportaturi ta' l-ajru wara l-attakki terroristiċi tal-11 ta' Settembru 2001 fl-Istati Uniti, il-Kummmissjoni ddikjarat li għandha tiqba' ssegwi l-iżviluppi tas-suq ta' l-assigurazzjoni ta' l-avjazzjoni rigward il-reviżjoni ta' l-ammonti u tal-kondizzjonijiet meħtieġa biex jinħarġu liċenzji biex wieħed ikun jista' jopera mill-Istati Membri.

([1]) ĠU C 20 E, tat-28.1.2003, p. 193.

([2]) ĠU C 95, tat-23.4.2003, p. 16.

([3]) L-Opinjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Mejju 2003 (li għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċċjali), il-Pożizzjoni Komuni Tal-Kunsill tal-5 ta' Diċembru 2003 (ĠU C 54 E, tat-2.3.2004, p. 40), Il-Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Marzu 2004 (li għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċċjali) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-30 ta' Marzu 2004.

▼B

(5) Bid-deċiżjoni tal-Kunsill 2001/539/KE ([1]) il-Komunità ikkonkludiet il-Konvenzjoni għall-Unifikazzjoni ta' ċerti Regoli Relatati mat-Trasportazzjoni Internazzjonali bl-Ajru, mifthema f'Montreal fit-28 ta' Mejju 1999 (Konvenzjoni ta' Montreal), li tfassal r-regoli ġodda dwar ir-responsabbiltà tat-trasportazzjoni internazzjonali bl-ajru ta' persuni, bagalji u ta' tgħabija ta' merkanzija. Dawn ir-regoli huma mistennija li jbidlu lil dawk tal-Konvenzjoni ta' Warsaw tal-1929 u ta' l-emendi sussegwenti tagħha.

(6) L-Artikolu 50 tal-Konvenzjoni ta' Montreal jinħtieġ li l-partijiet jassigura li t-trasportaturi ta' l-ajru huma assigurati biżżejjed biex tkopri r-responsabbiltà taħt dik il-Konvenzjoni. Il-Konvenzjoni ta' Warsaw ta' l-1929 u l-emendi sussegwenti tagħha għandhom ikomplu jkunu ko-eżistenti mal-Konvenzjoni ta' Montreal għal perjodu indefinit. Iż-żewġ Konvenzjonijiet jipprovdu l-possibilità ta' responsabbiltà mingħajr limitu.

(7) L-Artikolu 7 tal-Regolment tal-Kunsill (KEE) Nru 2407/92 tat-23 ta' Lulju 1992 dwar il-ħruġ tal-liċenza għall-trasportaturi ta' l-ajru ([2]), timponi lilt-trasportaturi ta' l-ajru li għandhom ikunu assigurati sabiex jipproteġu r-responsabbiltà jekk ikun hemm xi aċċidenti, b'mod partikolari b'rispett tal-passiġġieri, tal-bagalji, tat-tagħbija tal-merkanzija, tal-posta, u tat-terzi partijiet, għalkemm mingħajr ma tispeċifika l-ammonti minimi u l-kondizzjonijiet tal-assigurazzjoni.

(8) Huwa xieraq li jittieħed akkont tal-fatt li l-Konferenza Ewropea Tal-Avjazzjoni ċivili li fit-13 ta' Diċembru 2000 addpttat ir-Riżoluzzjoni ECAC/25-1 dwar il-livelli minimi tal-assigurazzjoni biex tkopri r-responsabbiltà tal-passiggieri u ta' partijiet terzi, li kienet immodifikata fis-27 ta' Novembru 2002.

(9) Huwa neċessarju li jkunu definiti l-kondizzjonijiet minimi meħtieġa ta' l-assigurazzjoni biex tipproteġi l-passiġġieri, il-bagalji, it-tagħbija tal-merkanzija u partijiet terzi tat-trasportaturi ta' l-ajru u tal-operaturi ta' l-ajruplani, li jtiru ġewwa, 'l ġewwa, 'l barra minn, jew fuq it-territorju ta' l-Istati Membri, inklużi l-ilma territorjali tagħhom.

(10) L-obbligazzjoni ta' l-assigurazzjoni għandha tibqa' mat-trasportaturi ta' l-ajru b'liċenza valida u, fil-każ tat-trasportaturi ta' l-ajru tal-Komunità, b' liċenza valida li ngħatatilhom skond ir-Regolment (KEE) Nru 2407/92. In-nuqqas jew l-iskadenza ta' din il-liċenza ma teħlisx lill-impriża minn din l-obbligu.

(11) Filwaqt li l-Konvenzjoni ta' Montreal tirregola partikolarment ir-responsabbiltà tal-passiġġieri, tal-bagalji, u tat-tagħbija tal-merkanzija, ir-responsabbiltà tal-posta hi, skond l-Artikolu 2 ta' dak il-Konvenzjoni, suġġett "għar-regoli applikabbli għar-relazzjoni bejn it-trasportaturi u l-amministraturi tal-posta". Fil-Komunità, l-assigurazzjoni għal din r-responsabbiltà hija regolata mill-Artikolu 7 tal-Regolment (KEE) Nru 2407/92.

(12) L-assigurazzjoni mandatarja ma għandhiex tkun stipulata għal-ajruplani ta' l-Istat u lanqas għal ċerti tipi ta' ajruplani oħra.

(13) Il-protezzjoni ta' l-assigurazzjoni minima għandha tipprovdi f'sitwazzjonijiet fejn it-trasportaturi ta' l-ajru jew l-operaturi ta' l-ajruplani huma responsabbli b'rispett għal-passiġġieri, għall-bagalji, għat-tagħbija tal-merkanzija u għal-partijiet terzi skond ir-regoli tal-Konvenzjoni internazzjonali, il-Komunità jew il-liġi nazzjonali mingħajr interferenza ma' dawn ir-regoli.

(14) L-assigurazzjoni għandha tipproteġi r-responsabbiltà speċifika ta' l-avjazzjoni b'rispett għal-passiġġieri, għall-bagalji, għat-tagħbija tal-merkanzija u għal-partijiet terzi. Dwar il-passiġġieri, il-bagalji u t-tagħbija tal-merkanzija, l-assigurazzjoni għandha tinkludi f'każ

([1]) ĠU L 194, tat-18.7.2001, p. 38.
([2]) ĠU L 240, ta' l-24.8.1992, p. 1.

▼B

ta' mewt jew ta' inġurja personali ikkaġunata b'aċċidenti u f'każ ta' xi telf jew ta' ħsara tal-bagalji u tat-tagħbija tal-merkanzija. Dwar partijiet terzi, l-assigurazzjoni għandha tinkludi il-protezzjoni tal-mewt, ta' inġurja personali u ta' ħsara ta' propjetà ikkaġunata b'aċċidenti.

(15) Dan ir-Regolment m'għandux ikun interpretat li jirrikjedi assigurazzjoni doppja. Safejn it-trasportaturi ta' l-ajru kontrattanti u t-trasportaturi ta' l-ajru attwali li jaqgħu taħt it-tifsira mogħtija fl-Artikolu 39 tal-Konvenzjoni ta' Montreal jistgħu jinżammu responsabbli għall-istess danni, l-Istati Membri jistgħu jistabilixxu miżuri speċifiċi biex jevitaw assigurazzjoni doppja.

(16) Waqt li l-prattika fis-suq B'mod evidenti l-ammonti għaqqdu uzanza fuq is-suq biex tkun tista' tippermetti l-assigurazzjoni, partikolarment għal riskji ta' gwerer u it-terrorizmu, billi ppermettaw lil-assigutari kontrol aħjar fuq ir-responsabbiltà tagħhom, din il-prattika ma teħlisx it-trasportaturi ta' l-ajru jew l-operaturi ta' l-ajruplani mill-obbligu biex tirrispetta il-kondizzjoni meħtieġa tal-assigurazzjoni minimu fis-somma fissa mingħand il-kuntratti ta' l-assigurazzjoni tagħhom tiġi issettiljata'.

(17) Huwa neċessarju li titlob lit-trasportaturi ta' l-ajru prova li huma jirrispettaw il-ħin kollu il-kondizzjoni meħtieġa tal-assigurazzjoni minimu li tipproteġi r-responsabbiltà, skond dan il-Regolment. Rigward il-Komunità tat-trasportaturi ta' l-ajru u rigward l-operaturi ta' l-ajruplani li juzaw ajruplani rreġistrati fil-Komunità, il-preżentazzjoni tal-prova tal-assigurazzjoni f'wieħed mil-Istati Membri għandha tkun biżżejjed għal-Istati Membri kollha, l-assigurazzjoni msemmija fuq qed tkun affettwata mil-impriża awtorizzata taħt il-liġi applikkabbli.

(18) B'rispett għat-titrijiet fuq it-territorju ta' l-Istati Membri minn trasportaturi ta' l-ajru li mhumiex tal-Komunità jew ajruplan irreġistrat barra mil-Komunità, li m'għandux permess li jinżel jew itir minn l-ebda Stat Membru, jekk titjira tgħaddi minn fuq Stat Membru dan għandu id-dritt skond il-liġi internazzjonali jitlob prova tal-kondizzjoni meħtieġa tal-assigurazzjoni ta' din ir-Regolment, per-ezempju billi jagħmel kontrolli għall-għarrieda.

(19) Ir-rekwiżiti ta' assigurazzjoni minima għandhom jiġu reveduti wara perjodu ta' żmien.

(20) Il-proċeduri għall-monitoraġġ ta' l-applikazzjoni tal-kondizzjoni meħtieġa tal-assigurazzjoni għandhom ikunu ċari u mingħajr diskriminazzjoni u m'għandhomx ifixklu l-moviment liberu tal-merkanzija, tal-persuni, tas-servizzi u tal-kapital.

(21) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom ikunu adottati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistabbilixxi l-proċeduri għall-eżerċizzju tal-poteri ta' implimentazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni ([1]).

(22) Filwaqt li liġijiet addizzjoali huma neċissarja biex jistabbilixxi assigurazzjoni approprja li tkopri r-responsabbilità speċifika ta' l-avjazzjoni fuq aspetti li mhumiex assigurati minn dan ir-Regolment, l-Istati Membri għandhom ikollhom il-possibilità li jintroduċu dawn il-liġijiet.

(23) Fit-2 ta' Diċembru 1987, f'Londra, ir-Renju ta' Spanja u r-Renju Unit qablu b'dikjarazzjoni kommuni tal-Ministri ta' l-Affarijiet Barranin taż-żewġ pajjiżi, miżuri ta' qbil biex irrinforza il-koperazzjoni dwar l-użanza ta' l-ajruport ta' Ġibraltar.

(24) Sakemm l-għan ta' dan ir-Regolment, li huwa l-introduzzjoni tal-kondizzjoni meħtieġa ta' l-assigurazzjoni minima li tista' tikkontribwixxi għall-għanijiet tas-suq intern ta' l-avjazzjoni billi

([1]) ĠU L 184, tas-17.7.1999, p. 23.

▼B

tnaqqas id-distorsjoni tal-Kompetizzjoni, ma jistax jintlaħaq suffiċjentement mill-Istati Membri u jista' jintlaħaq aħjar fil-livell Komunitarju, il-Komunità tista' tadotta miżuri, skond il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif imniżżla fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skond il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif imniżżel f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolment ma jmurx oltre dak li hu neċessarju biex jintlaħaq dak l-objettiv.

ADOTTAW DAN IR-REGOLMENT:

Artikolu 1

Għan

1. L-għan ta' dan Regolment hu biex jistabbilixxi il-kondizzjoni meħtieġa ta' l-assigurazzjoni minima tat-trasportaturi ta' l-ajru u tal-operaturi ta' l-ajruplani b'rispett għall-passiġġieri, għall-bagalji, għat-tagħbija tal-merkanzija u għal terzi partijiet.

2. Fil-każ ta' transport tal-posta, il-kondizzjonijiet meħtieġa huma dawk miktuba fil-Regolment (KEE) Nru 2407/92 u fil-liġijiet nazzjonali ta' l-Istati Membri.

Artikolu 2

Ambitu

1. Dan ir-Regolment għandu japplika għat-trasportaturi ta' l-ajru kollha u għall-operaturi ta' l-ajruplani kollha li jtiru fi ħdan, għal, barra minn, jew fuq it-territorju ta' l-Istati Membri fejn japplika it-Trattat.

2. Dan ir-Regolment ma japplikax għal:

(a) Ajruplani ta' l-Istat kif imsemmija fl-Artikolu 3(b) tal-Konvenzjoni ta' l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali, iffirmata f'Chicago fis-7 ta' Diċembru 1944;

(b) mudelli ta' l-inġenji ta' l-ajru b'MTOM inqas minn 20 kg

(ċ) inġenji ta' l-ajru li jinqatgħu mill-art bil-ġiri (inklużi *paragliders* li jaħdmu bil-magna u *hang gliders*)

(d) captive balloons;

(e) tjur;

(f) parachutes (inklużi parasceding parachutes)

(g) inġenji ta' l-ajru, inklużi *gliders,* b' MTOM ta' inqas minn 500 kg u *microlights*, li:

— li huma użati għal skopijiet mhux kummerċjali, jew

— li huma użati għal-korsijiet tat-titjir lokali li ma jinkludux il-qsim tal-fruntieri internazzjonali,

safejn l-obbligi ta' l-assigurazzjoni taħt dan ir-Regolament li għandhom x'jaqsmu mar-riskju tal-gwerra u t-terroriżmu huma kkonċernati.

3. L-applikazzjoni ta' dan ir-Regolment fl-ajruport ta' Gibraltar huwa mifmhum li huwa mingħajr preġidizzju fil-posizzjonijiet legali rispettivi tar-Renju ta' Spanja u tar-Renju Unit rigward il-konflitt dwar is-sovranità fuq it-territorju fejn jinsab l-ajruport.

4. L-applikazzjoni ta' dan ir-Regolment fl-ajruport ta' Gibraltar għandha tkun imwaqqfa sakemm l-arranġamenti inklużi fid-Dikjarazzjoni Konġuta magħmula mill-Ministri Barranin tar-Renju ta' Spanja u

▼B

tar-Renju Unit fit-2 ta' Diċembru 1987 jidħlu fis-seħħ. Il-Gvernijiet ta' Spanja u tar-Renju Unit għandhom jinfurmaw lill-Kunsill bid-data.

Artikolu 3

Definizzjonijiet

Għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament:

(a) "trasportatur bl-ajru" ifisser impriża tat-trasport bl-ajru b'liċenza valida;

(b) "Komunità tat-trasportaturi ta' l-ajru" tfisser trasportatur bl-ajru b'liċenza valida mogħtija mingħand Stat Membru skond ir-Regolment (KEE) Nru 2407/92;

(ċ) "l-operatur ta' l-ajru" ifisser il-persuna jew l-entità, li ma jkunx trasportatur tal-ajru, li għandu użu kontinwament għad dispożizzjoni tal-ħidma ta' l-ajruplan; il-persuna fizika u legali li għandha l-ajruplan il-ħin kollu ireġistrat f'isimha għandha titqies li tkun l-operatur, kemm il-darba dik il-persuna tista' tagħti prova li persuna oħra hi l-operatur;

(d) "titjira" tfisser:

— rigward il-passiġġieri u l-bagalji li mhumiex ireġistrati, il-perjodu tat-trasport tal-passiġġieri bl-ajruplan tinkludi meta jidħlu fl-ajruplan u jinżlu minnu,

— rigward it-tagħbija tal-merkanzija u tal-bagalji ireġistrati, il-perjodu tat-trasport tal-bagalji u tat-tagħbija tal-merkanzija mill-mument li l-bagalji u t-tagħbija jingħataw lit-trasportaturi ta' l-ajru sal-mument li jingħataw lura lil sidhom,

— rigward it-terzi parti, l-uzu tal-ajruplan mil-mument ta' meta l-magni jibdew jaħdmu sal-mument li jkun wieqaf bil-magni mitfijien; għandha tfisser ukoll, meta l-ajruplan ikun miexi waqt li jkun irmunkat u b'vetturi li jimbuttawh jew b'forzi oħra li huma tipiku għaċ-ċaqlieq u għar-rfigħ 'il fuq ta' l-ajruplan, partikolament il-kurrenti ta' l-ajra;

(e) "SDR" tfisser Id-Drittijiet Speċjali Ta' Preljev kif inhi definita mill-Fond Monetarju Internazzjonali;

(f) "MTOM" tfisser il-Massa Massima tat-*Take-Off*, li jikkorrispondu għal-ammonti speċifiki għal kull tipi ta' ajruplan, kif inhu iddikkjarat fil-ċertifikat tal-navigazzjoni tal-arja tal-ajruplan;

(g) "passiġġier" tfisser kull persuna li qegħdha fuq titjira bil-permess tat-trasportaturi ta' l-ajru jew tal-operaturi ta' l-ajru, esklużi l-membri li huma xogħol kemm il-membri tal-ekwipaġġ u il-membri tal-gabina;

(h) "terzi parti" tfisser il-persuni fiżiċi u morali kollha, ħlief għal passiġġieri u l-membri tax-xogħol kemm tal-membri tal-ekwipaġġ u tal-membri tal-gabina;

(i) "operazzjoni kummerċjali" tfisser l-operazzjoni għal rimunerazzjoni u/jew b'kera.

Artikolu 4

Il-Prinċipji tal-assigurazzjoni

1. It-trasportaturi ta' l-ajru u l-operaturi ta' l-ajruplani imsemmija fl-Artikolu 2 għandhom ikunu assigurati skond ir-Regolment fir-rigward tar-responsabbiltà ta' l-assigurazzjoni speċifiki tagħhom b'rigward tal-passiġġieri, tal-bagalji, tat-tagħbija tal-merkanzija u tat-terzi parti. Ir-riskji li huma assigurati għandhom jinkludu l-atti tal-gwerra, it-terro-

▼B

rizmu, il-piraterija tal-ajru, l-atti tas-sabotaġġ, il-qbid illegali tal-ajruplan u l-aġitazzjoni ċivili.

2. It-trasportaturi ta' l-ajru u l-operaturi ta' l-ajruplani għandhom jassiguraw li l-assigurazzjoni tipproteġi u tezisti għal titjiriet kollha, mingħajr ma jagħmlu differenza dwar jekk l-ajruplan li qed jaħdem hux disponibbli lilhom minħabba li hu proprjetà tagħhom jew permezz ta' xi forma ta' arranġamenti ta' kuntratt ta' kera, jew minħabba operazzjonijiet ta' *franchise* jew flimkien, l-użu tal-kowd minn tnejn jew iktar jew xi ftehim ieħor ta' l-istess natura.

3. Dan ir-Regolment huwa mingħajr preġudizzju għal-liġijiet tal-responsabbiltà li jistgħu jiġu minn:

— Il-Konvenzjoni internazzjonali fejn l-Istati Membri u/jew il-Komunità huma partijiet,

— Il-liġi tal-Komunità, u

— il-liġi nazzjonali tal-Istati Membri.

Artikolu 5

Konformità

1. It-trasportaturi ta' l-ajru u, meta jeħtieġu, l-operaturi ta' l-ajru, skond l-Artikolu 2, għandhom juru konformità tal-obbligazzjoni tal-assigurazzjoni kif inhi miktuba f'dan ir-Regolment billi jipprovdu lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri involuti b'depositu ta' ċertifikat tal-assigurazzjoni jew prova oħra valida tal-assigurazzjoni.

2. Għall-iskopijiet ta' dan l-Artikolu "l-Istat Membru involut" għandu jfisser l-Istat Membru li ta' il-permess għal-liċensja ta' l-operazzjoni tal-ajruplan lil Komunità jew l-Istat Membru fejn l-ajruplan tal-operatur huwa irreġistrat. Għalt-trasportaturi ta' l-ajru li mhumiex tal-Komunità u l-operaturi ta' l-ajruplani li juzaw ajruplani li huma ireġistrati barra mil-Komunità, "l-Istat Membri involut" għandha tfisser l-Istat Membru għal jew minn fejn l-ajruplani huma operati.

3. B'eċċezzjoni għal paragrafu 1, l-Istati Membri li jittajru minn fuqhom it-trasportaturi ta' l-ajru u l-operaturi ta' l-ajruplani imsemmija fl-Artikolu 2 għandhom juru prova ta' l-assigurazzjoni valida skond dan ir-Regolment.

4. Rigward it-trasportaturi ta' l-ajru Komunitarji u l-operaturi ta' l-ajruplani li qed juzaw ajruplani rreġistrati fil-Komunità, depożitu ta' prova ta' l-assigurazzjoni fl-Istati Membri imsemmija fil-paragrafu 2 hu biżżejjed għall-Istati Membri kollha, mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tal-Artikolu 8(6).

5. F'kazijiet eċċezzjonali ta' nuqqas fis-suq ta' l-assigurazzjoni, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi, skond il-proċedura ddikjarata fl-Artikolu 9(2), il-miżuri addattati għal-applikazzjoni tal-paragrafu 1.

Artikolu 6

L-Assigurazzjoni b'rispett tar-responsabbiltà tal-passiġġieri, tal-bagalji, tat-tagħbija tal-merkanzija

1. Għar-responsabbiltà tal-passiġġieri, il-protezzjoni ta' l-assigurazzjoni minima għandha tkun 250 000 SDR għall kull passiġġier. Madankollu, b'rispett ta' operazzjonijiet li mhumiex kummerċjali b'ajruplan b' MTOM ta' 2700 kg jew inqas, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu livell inqas tal-protezzjoni tal-assigurazzjoni minima, bil-kondizzjoni li l-protezzjoni tkun ta' l-inqas 100 000 SDR għal kull passiġġier.

2. Għal-responsabbiltà b'rispett tal-bagalji, il-protezzjoni ta' l-assigurazzjoni minima għandha tkun 1 000 SDR għal kull passiġġier f'operazzjonijiet kummerċjali.

▼B

3. Għal-responsabbiltà b'rispett tat-tagħbija tal-merkanzija, il-protezzjoni ta' l-assigurazzjoni minima għandha tkun 17 SDR kull kilogramma f'operazzjonijiet kummerċjali.

4. Paragrafi 1, 2 u 3 m'għandhomx japplikaw b'rispett għal titjiriet fuq territorju ta' l-Istati Membri mwettqa minn trasportaturi ta' l-ajru u minn operaturi ta' l-ajruplani li mhumiex tal-Kommunità li jużaw ajruplani rreġistrati barra mill-Komunità li ma tinvolvix l-inżul fi, jew it-tluq minn, dan it-territorju.

▼M1

5. L-ammonti msemmija f'dan l-Artikolu jistgħu jiġu adattati, skond il-ħtieġa, jekk dan ikun meħtieġ minħabba emendi tat-trattati internazzjonali rilevanti. Dawk il-miżuri, imfassla sabiex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 9(3).

▼B

Artikolu 7

Ir-responsabbiltà ta' l-assigurazzjoni b'rispett għal terzi partijiet

1. In respect of liability for third parties, the minimum insurance cover per accident, for each and every aircraft, shall

Kategorija	MTOM (kg)	Assigurazzjoni minima (miljun SDR)
1	< 500	0,75
2	< 1000	1,5
3	< 2700	3
4	< 6000	7
5	< 12000	18
6	< 25000	80
7	< 50000	150
8	< 200000	300
9	< 500000	500
10	≥ 500000	700

Jekk fi kwalunkwe ħin il-protezzjoni ta' l-assigurazzjoni għal xi ħsarat ta' terzi partijiet minħabba riskji ta' gwerer jew ta' terroriżmu mhux disponibbli għall-ebda trasportatur ta' l-ajru jew għal operaturi ta' l-ajruplani fuq bażi ta' kull aċċident, dan it-trasportatur ta' l-ajru jew l-operatur ta' l-ajruplani jistgħu jissodisfaw l-obbligazzjoni tagħhom li jassiguraw dawn ir-riskji billi jieħdu assigurazzjoni fuq bażi ta' aggregat. Il-Kummissjoni għandha timonitorja bir-reqqa l-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni sabiex tassigura li l-aggregat ikun għal inqas ekwivalenti għall-ammont relevanti stabbilit fit-tabella.

▼M1

2. L-ammonti msemmija f'dan l-Artikolu jistgħu jiġu adattati, skond il-ħtieġa, jekk dan ikun meħtieġ tfasslu sabiex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 9(3).

▼B

Artikolu 8

Infurzar u sanzjonijiet

1. L-Istati Membri għandhom jassiguraw li t-trasportaturi ta' l-ajru u l-operaturi ta' l-ajruplani msemmija fl-Artikolu 2 iħarsu dan ir-Regolment.

2. Għar-raġunijiet tal-paragrafu 1 u mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 7, b'rispett ta' titjiriet ġewwa l-Komunità ta' trasportaturi ta' l-arju li mhumiex tal-Komunità jew ajruplani rreġistrati barra mill-Komunità li ma jinvolvux nżul jew tluq minn Stat Membru, kif ukoll b'rispett għal waqfien f'Stati Membri minn ajruplan ta' din ix-xorta għal raġunijiet mhux tat-traffiku, l-Istat Membru kkonċernat jista' jitlob prova ta' l-osservanza tal-ħtiġijiet ta' l-assigurazzjoni kif imniżżla f'dan ir-Regolment.

3. Fejn hu neċessarju, l-Istati Membri jistgħu jitolbu prova addizzjonali mingħand it-trasportatur ta' l-ajru, l-operatur ta' l-ajruplan jew il-kumpanija ta' l-assigurazzjonikkonċernata.

4. Sanzjonijiet għal ksur ta' dan ir-Regolment għandhom ikunu effettivi, proporzjonali u dissważivi.

5. Rigward it-trasportaturi ta' l-ajru tal-Komunità, dawn is-sanzjonijiet għandhom jinkludu l-irtirar tal-liċenza ta' l-operazzjoni, suġġett ta' u skond id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-liġi tal-Komunità.

6. Rigward trasportaturi ta' l-ajru li mhumiex tal-Komunità u ta' l-operaturi ta' ajruplani li juzaw ajruplan ireġġistrat barra min Komunità, is-sanzjonijiet jistgħu jinkludu rifjut tad-dritt ta' inzul fit-territorju f'Stat Membru.

7. Meta l-Istati Membri ma humiex sodisfatti li il-kondizzjonijiet ta' dan ir-Regolment intlaħqu, huma ma għandhomx iħallu l-ajruplan itir, qabel il-trasportatur ta' l-ajru jew dan l-operatur ta' l-ajruplan jipprovdu prova ta' protezzjoni ta' l-assigurazzjoni addattata skond dan ir-Regolment.

Artikolu 9

Proċedura tal-Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mil-Kumitat imwaqqaf bl-Artikolu 11 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2408/92 tat-23 ta' Lulju 1992 dwar l-aċċess tal-trasportaturi ta' l-ajru tal-Komunità għar-rotot ta' l-ajru intra-Komunitarji ([1]).

2. Fejn issir riferenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, wara li jkunu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8.

Il-perijodu ta' żmien preskritt fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun ta' tliet xhur.

▼M1

3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikolu 5a minn (1) sa (4) u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, b'kont meħud tad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

▼B

4. Barra dan il-Kumitat għandu jkun ikkonsultat mingħand il-Kummissjoni dwar kwalunkwe sitwazzjoni fejn tikkonċerna l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolment.

([1]) ĠU L 240, ta' l-24.8.1992, p. 8. Ir-Regolment kif emendat l-aħħar bir-Regolment. (KE) Nru 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 284, tal-31.10.2003, p. 1).

▼B

Artikolu 10

Rapport u ko-operazzjoni

1. Il-Kumissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill tal-ħidma ta' dan ir-Regolment sat-30 ta' April 2008.

2. Meta mitluba, l-Istati Membri għandhom jippreżentaw informazzjoni dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolment lill-Kumissjoni.

Artikolu 11

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolment għandu jidħol fis-seħħ tnax-il xahar wara d-data tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.